MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 697/2002

**Caroline Nathan**

**vs**

**L-avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tat-8 ta' Marzu 2002 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-assenti Daniel Charles Nathan.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Gunju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-22 ta' Settembru 1995 gewwa Milton Keynes, Buchinghamshire, l-Ingilterra u liema zwieg gie registrat Malta u dan kif jindika c-Certifikat taz-Zwieg anness bhala Dok "A";

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta' adulterju, mohqrija, theddid, sevizzi w ingurji gravi, b'mod li l-konvivenza bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli;

Illi l-konvenut ghal izjed minn sentejn abbanduna lill-attrici minghajr raguni valida;

Illi l-kontendenti ghandhom tifla ta' hames (5) snin li twieldet fis-26 ta' Dicembru 1996;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza ghal separazzjoni personali, u dan skond id-digriet li jgib in-numru 201/02 moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-18 t'April 2002 li kopja tieghu qed jigi hawn anness bhala Dokument "B";

Illi l-konvenut huwa assenti minn Malta u ghalhekk gew nominati kuraturi sabiex jirrapprezentawh fil-gudizzju;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha l-konvenut;

3. Tordna li l-kura u kustodja tat-tifla minuri tal-kontendenti tkun fdata unikament f'idejn l-attrici;

4. Tiddikjara li l-attrici mhix aktar responsabbli sabiex tmantni lill-konvenut *ai termini* tal-**artikolu hamsa (5) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

6. Tawtorizza lill-attrici illi tnizzel fir-Registru Pubbliku s-Sentenza eventwali moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tat-3 t’Ottubru 2002 a fol. 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar ’il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Novembru 2002 fejn Dr. Kathleen Mizzi ghall-attrici nfurmat lill-Qorti li ma tafx l-indirizz tal-assenti konvenut. Inghata digriet affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-attrici datata 9 ta’ Jannar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha u ta’ Mary Rose Attard.

Rat il-verbal tad-29 t’April 2003 fejn Dr. Kathleen Mizzi ghall-attrici ddikjarat li m’ghandhiex provi aktar, u Dr. Mark Busuttil bhala kuratur irrimetta ruhu ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Jannar 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

## (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Caroline Nathan** tat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit datat 30 ta' Dicembru 2002 fejn bil-gurament taghha kkonfermat hekk:-

*"Jiena ltqajt mar-ragel tieghi Daniel Charles Nathan meta kont qed nahdem 'part-time' f'restaurant f'San Giljan f'Jannar tas-sena 1995. Hu kien qed jahdem fl-istess post u wara ftit li sirna nafu lil xulxin bdejna nohorgu flimkien.*

*Mill-ewwel intbahna illi konna nhobbu lil xulxin. Daniel ghalkemm Ingliz, kien qed jghix Malta flimkien mal-familja tieghu li kienu qed jippruvaw joqoghdu Malta. Daniel ma setghax jidra hawn Malta u meta f'Gunju tas-sena 1995 tkecca mix-xoghol, jien u hu ddecidejna li mmorru l-Ingilterra biex nibdew hajja gdida flimkien. Tlajna l-Ingilterra f'Lulju tal-1995, u morna noqoghdu Blakelands, Milton Keynes. Krejna dar zghira u bdejna nghixu bil-flus li kont tellajt mieghi sakemm Daniel isib fejn jahdem.*

*Wara ftit il-genituri ta' Daniel u t-tliet hutu subien iddecidew jitilqu minn Malta. Minhabba illi ma kellhomx fejn joqoghdu, gew jghixu maghna ghal ftit. Id-dar li konna krejna kienet zghira hawn u l-familja ta' Daniel kienu qed jorqdu fil-kamra ta' quddiem. Ghamlu xi tliet gimghat jghixu maghna. Hadd mill-familja tieghu ma kien qed jahdem u ghalhekk kon qed inhallas l-ikel u l-kontijiet kollha jien. Wara tliet gimghat nqala' argument shun bejn il-membri tal-familja ta' Daniel u Daniel kecca lil kulhadd 'il barra.*

*Daniel u jien izzewwigna l-Ingilterra fir-Registru Pubbliku ta' Milton Keynes fit-22 ta' Settembru 1995 (kif jidher ahjar mill-anness dokument ittra "A") ghalkemm konna ilna nafu lil xulxin disa' xhur biss. Ghall-ewwel li zzewwigna jien u Daniel konna ferhanin b'xulxin ghalkemm il-hajja ma kenitx facli. L-ispejjez ta' kuljum kienu kbar, konna nahdmu t-tnejn biex inlahhqu. Daniel kien qed jahdem bhala 'chef' gewwa pub fi Stony Stratford u jien kont qed nahdem bhala 'Sales Administrator' mal-kumpanija Caravell UK Ltd.*

*Sfortunatament jien u Daniel ma kellniex relazzjoni tajba mal-familja tieghu. Meta konna mmorru nzuruhom, kienet aktar xi haga ta' bilfors milli ta' pjacir. Ommu ma kellhiex grazzja mieghi, specjalment ghaliex jien kont ninsisti ma' Daniel biex imur jahdem. Nispjega illi l-familja ta' Daniel kienu jghixu bid-'dole' u cjoe' bis-sussidju tal-istat, u kienu jemmnu illi l-ahjar mod ta' hajja kienet din. L-iskop tal-hajja taghhom kienet illi jghixu minghajr ma jahdmu u japprofittaw ruhhom mis-servizzi socjali kollha li jipprovdi l-istat.*

*Omm u missier Daniel kienu jipprovaw jindahlu fil-hajja taghna. Ma setghux jaccettaw il-fatt illi Daniel kien mizzewweg u li d-decizjonijiet taghna kellna naghmluhom ahna u mhux huma. Kienu jippretendu illi kellna nghidulhom b'kollox u ma niehdu ebda decizjoni wahedna. Dan l-indhil ma kienx jghin u gieli jien u Daniel kien ikollna xi nghidu minhabba l-genituri tieghu.*

*F'Gunju tas-sena 1996 jiena ntbaht li kelli tliet xhur tqala. Jien u Daniel konna ferhanin b'dan. Meta nfurmajna lill-genituri ta' Daniel b'dan, issuggerewlna illi jien u Daniel immorru nghixu maghhom sabiex nifrankaw il-kera gholja li kellna ta' tliet mija u sebghin lira sterlina (Stg 370) fix-xahar u nkunu nistghu nwarrbu xi haga tal-flus qabel ma tigi t-tarbija. L-idea kienet tajba specjalment minhabba l-fatt illi wara t-twelid tat-tarbija b'paga wahda kien se jkun difficli hafna nlahhqu mal-ispejjez ta' kuljum. Jien u Daniel iddecidejna mmorru nghixu maghhom u fl-istess hin applikajna ghall-akkomodazzjoni socjali.*

*Morna nghixu mal-familja ta' Daniel f'Lulju tal-istess sena. Kif morna Neath Hill, Milton Kejnes Daniel iddecieda illi ma riedx jahdem aktar. Telaq mix-xoghol u beda jqatta' l-gurnata kollha jistad ma' missieru u hutu. Nispjega illi l-Ingilterra meta tkun 'on the dole', il-Kunsill jaghti xi flus ghall-hajja, jhallaslek il-kera tad-dar u l-'council tax'. Jien ghalkemm tqila bqajt nahdem mal-kumpanija Caravell UK Ltd.*

*Is-sitwazzjoni mal-familja ta' Daniel kompliet tehzien. Omm Daniel kienet kontinwament taqbad mieghi. Kienet titlobni xi flus ghall-ispejjez ta' kuljum u ghalhekk kont inhallas sittin lira sterlina (Stg60) fix-xahar u kont nixtri l-ikel ghall-familja kollha. Jien bqajt nahdem sal-ahhar gimgha ta' tqala. Tant kont imdejqa d-dar t'ommu illi kont nippreferi mmur ghax-xoghol milli nistrieh id-dar. L-ahhar gimgha ta' tqala kont spiccajt qghadt fil-kamra tieghi l-gurnata kollha biex ma narax il-familja tieghu u nevita aktar problemi ghalija u ghat-tarbija tieghi.*

*It-tifla tieghi Karis Elena Nathan twieldet fis-26 ta' Dicembru tas-sena 1996. Din kienet l-isbah gurnata ta' hajti. Wara t-twelid ghamilt gimgha nirkupra l-isptar u meta mort lura d-dar tal-genituri ta' Daniel, b'dispjacir kbir innutajt illi l-genituri ta' Daniel ma kienux kuntenti illi kelli tifla ghaliex ippretendew li jien kien se jkolli t-tifel. Niftakar illi flok il-ferh li ssoltu ggib tarbija maghha, kien hemm atmosfera ta' dwejjaq, kwazi qisu miet xi hadd.*

*F'Jannar tas-sena 1997 jien u Daniel morna noqghod go dar gdida li nghatajna mill-Kunsill. Xtrajna xi ftit ghamara bil-flus li kont gemmajt u ppruvajna naghmlu d-dar taghna 'homely'. Daniel rega' beda jfittex ix-xoghol u sab impjieg f'Restaurant bl-isem ta' Marcellos. F'dan ir-Restaurant Daniel kellu paga tajba u kien jaqla' xi haga 'tips'. Ghamilna perjodu zghir ta' zmien nghixu kuntenti minghajr indhil mill-genituri tieghu.*

*Pero' Daniel beda jmur izurhom wahdu u bdew jghidulu li jien kont se nitlaq Malta u niehu mieghi t-tarbija taghna. Jien issa kont bdejt nibni familja u ma kellix intenzjoni ncahhad lil binti minn missierha ghal xejn. Apparti minn hekk jien kont kuntenta l-Ingilterra, ma konniex sinjuri imma konna qed nghixu tajjeb. Konna nargumentaw hafna. Ma kienx minnu li jien ridt nitlaq Malta. Daniel u jien ghamilna zmien nghidu fl-istess dar imbeghdin minn xulxin. Daniel beda jahdem sa tard bil-lejl u meta jkun frank jew jorqod il-gurnata kollha, inkella jmur jara lill-genituri tieghu.*

*F'Settembru tas-1997 jien u Daniel gejna Malta biex nghammdu lil Karis u nizzewgu bil-Knisja Malta. Minhabba illi ma kellniex flus, l-ispejjez biex nigu Malta hallsuhom il-genituri tieghi. Ahna zzewwigna fil-knisja tan-Naxxar fis-7 ta' Settembru tas-sena 1997 kif jidher ahjar mill-anness Dokument ittra "B".*

*F'Dicembru tal-istess sena kelli erba' xhur u nofs tqala bit-tieni tarbija tieghi. Xi jien qabel il-Milied gew jarawna omm u missier Daniel. Kienu ghadhom lanqas ma dahlu gewwa meta ommu bdiet tajjarni, issawwatni u tigbidli xaghri. Waqfet biss meta Daniel qallha illi kont tqila. Mort naghmel rapport l-ghassa izda Daniel ikkonvincieni biex ma mmexxix proceduri kontra ommu. Jien dan ghamiltu biex nevita aktar problemi. L-ghada rrealizzajt illi kont qed indemmi u dhalt l-isptar generali ta' Milton Keynes. Dakinhar tlift it-tieni tarbija tieghi u l-Milied ta' dik is-sena ghaddejtu fi dwejjaq kbar.*

*Izjed ma beda jghaddi z-zmien izjed bdew jizdiedu l-problemi bejni u bejn Daniel. Daniel u jien ma tantx konna qed nikkomunikaw bejnietna. Kull konverzazzjoni taghna kienet tispicca fi glieda. Konna nargumentaw fuq flus, fuq il-fatt illi kien isuq esagerat u konna kontinwament nircievu multi. Konna nargumentaw minhabba l-fatt illi ma kienx jipprova jghaddi ftit hin mieghi u mat-tifla. Beda jahdem 'shift' ta' bil-lejl fir-Restaurant Marcellos u fuq l-istess 'shift' kien hemm tfajla li kultant zmien kien isemmi. Darba minnhom kellna argument kbir fuq din it-tfajla u Daniel telaq l-impjieg tieghu. Iddecieda illi kien se jmur Plymouth fejn kien ghadhom u biex joqghod 'il boghod minn din it-tfajla li kien ammetta mieghi li kellu grazzja maghha.*

*Jien u t-tifla ghamilna tliet xhur nghixu wahedna Milton Keynes waqt li Daniel kien qed jipprova jsib post fejn nghixu. Il-Milied ta' dik is-sena bqajna wahedna nghixu minn fuq is-'single parent allowance'.*

*F'Jannar tas-sena 1999, morna noqoghdu Newton Abbot go Devon. Biex naghtu depozitu fuq il-kera ta' dar zghira kellna nbieghu l-karozza taghna. Daniel wieghdni illi l-affarijiet kienu ser jitrangaw bejnietna u anke mal-familja tieghu. Beda jahdem go Restaurant bl-isem ta' "Hooked".*

*Kien jidher kuntent b'dan l-impjieg, imma l-paga ma kenitx tajba u konna qeghdin inbaghtu biex inlahhqu mal-ispejjez ta' kuljum. Iddecidejt illi kien ikun ahjar jekk kif it-tifla tibda l-'play school' f'Jannar u jien nerga' nibda nahdem, u ghalhekk bdejt nahseb biex nirrevedi dak li kont naf fuq kompjuters.*

*F'Ottubru tas-sena 1999 Daniel beda jigi d-dar aktar tard mis-soltu. Jew jghid li jibqa' xoghol, jew li se jmur jiehu birra ma' shabu. Lejl minnhom ma giex lura d-dar u jien cempilt lill-imghallem tieghu biex nara jekk inqalghax xi haga. Qalli illi Daniel kien telaq mix-xoghol fil-hdax ta' bil-lejl. Ghamilt il-lejl nistennih. Dahal fis-sitta ta' fil-ghodu. Qalli illi kien hareg mal-hbieb u minhabba illi kien xorob izzejjed ipprefera jorqod fil-karozza milli jsuq fil-kundizzjoni li kien. Minhabba illi Daniel ma kienx ihobb ix-xorb u lanqas ma xammejt riha ta' xorb fuqu ma emmintux. Wara ftit qbadt hwejjgu biex inwaddabhom ghall-hasil u rrealizzajt illi s-'sweater' li kien hareg bih il-gurnata ta' qabel kien nieqes. Staqsejtu fejn kien is-'sweater' u qalli illi kien hallih warajh. Meta staqsejtu fejn ezatt qalli illi kien hallih ghand tfajla bl-isem ta' Vicky li kienet impjegata fl-istess Restaurant fejn kien qed jahdem hu.*

*Staqsejtu jekk kellux relazzjonijiet intimi ma' din Vicky u qalli li kellu. Stqarr mieghi ukoll illi kien behsiebu jmur jghix maghha. Qalli illi ma kienx ihobbni u li ma kienx kuntent bil-hajja li konna qed nghixu. Minn kliemu kien jidher illi l-interess principali tieghu kienet din it-tfajla, u li ma kellux interess fija u fit-tifla. Dakinhar stess qabad u telaq mid-dar minghajr ebda kliem. Jien kont spiccajt go pajjiz iehor minghajr xoghol, minghajr ebda dhul u b'tifla ta' sentejn. L-Ingilterra ma kellix familja u ma kontx naf x'se naghmel. Stennejt hmistax biex nara jekk Daniel kienx se jigi lura. F'dawn il-hmistax-il sena qatt ma kellimni u ma konx naf fejn qed joqghod. Meta sibt ruhi wahdi minghajr flus minghajr ghajnuna, abbandunata mir-ragel ma kellix alternattiva ghajr li nerga' lura pajjizi. Ma kellix flus u ghalhekk il-genituri tieghu xtrawli l-biljetti tal-ajru ghal Malta.*

*Jien ergajt lura Malta f'Novembru tas-sena 1999 u ppruvajt nibni hajja gdida ghalija u ghat-tifla. Kif gejt lura Malta, ergajt mort noqghod flimkien mat-tifla ghand il-genituri tieghi. Sibt xoghol fejn nahdem biex inkun nista' mmantni lili nnifsi u lit-tifla.*

*Minn Novembru tas-sena 1999 sal-llum ir-ragel tieghi cempilli darba wahda biss. Staqsieni kif inhi t-tifla u li kien se jibaghtilha rigal ghall-Milied, u ma regax kellimni. Ir-rigal tal-Milied wasal izda minn dakinhar ma smajt xejn aktar. Qatt ma baghat xi flus ghat-tifla jew xi rigali ohra ghat-tifla. Qatt ma cempilli biex jara kif ahna jew almenu kif inhi t-tifla. It-tifla tieghu llum ghandha sitt snin, u lil missierha ma tafux. Ma nafx fejn joqghod jew fejn nista' naghmel kuntatt mieghu.*

*Illi fic-cirkustanzi li sibt ruhi fihom, wara li z-zwieg tieghi tfarrak irrimedjabbiliment u dan minhabba adulterju min-naha tar-ragel tieghi u minhabba l-fatt illi r-ragel tieghi abbanduna lili u lit-tifla taghna minghajr ebda konsiderazzjoni jien ma kellix triq ohra ghajr li nitlob ghal separazzjoni minn ma' zewgi."*

Illi l-attrici pprezentat ukoll l-affidavit ta' ommha **Mary Rose Attard**.

**(ii) Apprezzament tal-Provi.**

Illi mill-provi prodotti fuq estentivament riportati jirrizulta li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' adulterju, abbandun tal-familja, theddid, sevizzi u ngurji gravi, b'mod li l-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli, tant li dak kollu allegat mill-attrici ma ghadu bl-ebda mod kontestat.

Illi huwa ovvju li abbazi tal-premess it-tieni talba ghandha tigi milqugha.

Illi l-istess jista' jinghad ghat-tielet talba *stante* li fil-fatt jidher li l-istess konvenut almenu mill-ahhar tas-sena 1999 qatt ma mantna lill-istess minuri.

Illi anke r-raba' talba ghandha tigi milqugha anke bl-applikazzjoni tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** li qed jigi applikat *in toto* fil-konfront tal-konvenut.

Illi l-hames talba ghandha tigi milqugha, u l-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett minn Novembru 1999.
Illi s-sitt talba ghandha wkoll tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut *stante* li l-istess konvenut irrenda ruhu hati *verso* l-attrici ta' adulterju, abbandun tal-familja, theddid, sevizzi u ngurji gravi, b'mod li l-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli.

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha l-konvenut;

3. Tordna li l-kura u kustodja tat-tifla minuri tal-kontendenti tkun fdata unikament f'idejn l-attrici;

4. Tiddikjara li l-attrici mhix aktar responsabbli sabiex tmantni lill-konvenut *ai termini* tal-**artikolu hamsa (5) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** anke b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** u tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-istess **artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto*;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Novembru 1999.

6. Tawtorizza lill-attrici illi tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------